MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1168/2003

Middlesea Insurance p.l.c. hekk kif surrogata, sija bil-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip ‘comprehensive’ sija bil-ligi, fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Lautier
vs
Rudolph Spiteri

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi fit-tnejn (2) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) fi Triq Sant Andrija, San Giljan, minhabba imprudenza, negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza ta’ regolamenti da parti tal-konvenut kienet grat kollizjoni bejn il-vettura IAK-202 misjuqa mill-konvenut u l-vettura JJL-001 di proprjeta` ta’, u misjuqa minn Joseph Lautier, liema vettura kienet assigurata mas-socjeta` attrici Middlesea Insurance p.l.c. a bazi tal-polza tal-assigurazzjoni tat-tip comprehensive.

Illi bhala konsegwenza tal-istess kollizjoni l-vettura msemmija JJL-001 kienet sofriet hsarat estensivi li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta` attrici ai termini tal-imsemmija polza tal-assikurazzjoni tat-tip comprehensive.

Illi tali danni kienu jammontaw ghas-somma ta’ hamest elef mija erbgha u erbghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm5144.80).

Illi l-konvenut kien gie interpellat sabiex ihallas l-imsemmija danni lis-socjeta` attrici izda kien baqa’ inadempjenti u ma kienx hallas.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni billi din grat minhaba imprudenza, negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza ta’ regolamenti da parti tal-konvenut u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni minnha derivanti.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici fis-somma ta’ hamest elef mija erbgha u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm5144.80) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamest elf mija erbgha u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm5144.80) jew somma ohra verjuri hekk likwidata ai termini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta’ Frar 2003 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni fil-konfront tal-assigurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament fil-konfront tal-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

i. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda;

ii. Illi l-incident stradali in kwistjoni ma kienx gara kagun ta' xi nuqqas jew htija da parti tal-konvenut izda kien gara unikament bi htija tal-assikurat tal-kumpanija attrici, Joseph Lautier li kien is-sewwieq tal-karozza l-ohra;

iii. Illi d-danni derivanti mill-incident stradali ma kienux graw kagun ta' xi nuqqas jew htija tal-konvenut u ghalhekk ma kien hemm l-ebda danni li kellhom jigu likwidati u sopportati mill-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenut ghal danni sofferti minnu kagun tal-istess incident stradali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni prezentata mis-socjeta` attrici.

Xehed Joseph Lautier li semma dak in-nhar tal-incident kien qed isuq karozza Mercedes JJL-001 u kien hareg mit-***tunnels*** u sejjer fid-direzzjoni lejn St. Andrews, pero` uza l-***lane*** ta' barra, halli minn hemmhekk ikun jista' jdur ghal Paceville. Meta d-dwal qalbu hodor, dar ghal fuq il-lemin meta f' daqqa wahda ra hgieg itir, hass daqqa

qawwija u l-karozza daret kompletament b' mod li gie wiccu lejt it-***tunnels*** minn fejn kien ghadu kif hareg. Qal li s-sewwieq tal-karozza l-ohra qallu "tghidilhomx li jiena, ghidilhom li missieri". Ix-xhud qallu li kien inxurjat ***full*** u l-iehor qallu li jsewwilu hu. Ix-xhud qallu "isma hi hawnhekk mhux lira jew tnejn hawn involuti, hawnhekk hawn somom kbar involuti". Zied jghid li wara xi 10 minuti kien mar is-Surgent. Ix-xhud kien cempel lil tat-***towing*** u wara li s-Surgent ghamel l-iskizz tat-***towing*** hadu l-karozza u wasslu lix-xhud id-dar ghax il-karozza ma kenitx fi stat li tinsaq. Kompla jghid li l-karozza l-ohra kienet gejja min-naha ta' Bugibba. Dwar l-iskizz fol 7 tal-process qal li mhux qieghed ***to scale*** pero` bazikament kien qieghed tajjeb ghalkemm dehrlu li l-karozza IAK-202 kienet harira aktar lejn ix-xellug. Mistoqsi dwar il-velocita` li biha dar il-kantuniera qal 30, 40 km ***per hour***. Sostna li hemmhekk ma tistax iddur b' hafna velocita`. Mistoqsi mill-Qorti dwar preciz qabel l-incident qal li meta wasal sa fejn il-***lights*** kienu hodor u ghalhekk baqa' jdur.

In kontro ezami qal li ma kienx cert dwar il-hin. Hu kien sejjer mid-dar li tinsab is-Swieqi u kien wahdu fil-karozza. Kellu l-impressjoni li kien f'xi ***bars*** Paceville, mar id-dar u rega' hareg ghal Paceville. Mistoqsi ghaliex hu li joqghod daqsxejn vicin kif kien sejjer bil-karozza qal li normalment mis-Swieqi ghal Paceville jimxiha pero` f'dik l-okkazjoni kien miftiehem li jghaddi jigbor persuna ohra.
Mistoqsi mill-Qorti kemm huwa l-massimu tad-***drinks*** li ha ma ftakarx izda qal li f'lejl qatt ma jiehu aktar minn 5. Normalment hu jixrob birra ghalkemm ma eskludiex il-possibbilta` li ha xi liquor. Gieli jiehu vodka u anke Southern Comfort. Kompla jghid li meta hares lejn il-***lights*** hu kien vicin taghhom. Mistoqsi jekk peress li hemm aktar minn set ta' ***traffic lights*** wiehed setax hares lejn il-wiehed hazin qal li zgur hares lejn il-wiehed it-tajjeb. Hu hares lejn dak il-wiehed li huwa l-aktar vicin tas-***centre strip***. Mistoqsi fuq liema karreggjata kien qieghed qal li effettivament kien qieghed fuq dik il-wahda tan-naha ta' barra fuq is-***centre strip***. Ma kienx hemm karozzi quddiemu meta kien qed isuq. Ma jafx kienx hemm karozzi fuq ix-xellug tieghu. Hu kien qed idur lejn Paceville u ghalhekk ghajnejh kienu fil-***lights***. Mistoqsi x'

hin hareg mit-***tunnel*** x'velocita` kellu qal forsi 60, 70 km/h pero`.

Xehed P.S. 500 John Giusti li qal li hu kien investiga l-kollizzjoni in kwistjoni. Hu kien kellem lis-Sur Lautier dak il-hin stess dan kien qallu li huwa kien diehel ghal gewwa Paceville fuq il-***lights*** waqt li dawn kienu hodor. Meta kellem lix-xufier l-iehor qallu li kien gej min-naha ta' St. Andrews direzzjoni ghal Belt u l-***lights*** tieghu kienu hodor, meta l-vettura l-ohra qasmitlu l-karreggjata tieghu. Bid-daqqa l-vettura JJL-001 spiccat fuq ic-***centre strip*** u barra daqqa li kellha ta' l-impatt tal-karozza l-ohra kellha hsarat fil-qiegh ukoll minhabba c-***centre strip***. Minn indagini x-xhud skopra li x-xufier tal-vettura IAK-202, Rudolph Spiteri ma kienx kopert bl-assigurazzjoni u dan minhabba l-eta`. Kawza tal-kollizzjoni l-vettura tas-Sur Lautier spiccat fuq ic-***centre strip*** waqt li tas-Sur Spiteri spiccat imdawwra thares lejn Paceville. Dehrlu li z-zewg karozzi kellhom jigu ***towed*** kawza ta' l-incident.

Dwar is-sistema tad-dawl kif tahdem fil-post in kwistjoni qal li certu hin jieqaf it-traffiku li gej min-naha tal-Belt kif ukoll dak li gej minn St. Andrews biex it-traffiku li hiereg minn Paceville ikun jista' jmur lejn St. Andrews. Certu hin ukoll jieqaf it-traffiku li jkun gej minn St. Andrews biex dak li gej mill-Belt ikun jista' jidhol ghal gewwa Paceville waqt dak l-istant it-traffic li jkun sejjer lejn St. Andrews jibqa' sejjer. Jieqaf biss dak li gej minn St. Andrews ghal Belt biex ta' St. Andrews jibqa' sejjer jew inkella jidhol Paceville. Ma kienx jiftakat l-ordni preciz ta' kif huma l-***lights***. Dak in-nhar tal-incident gew infurmati mill-***Control Room*** u marru fuq il-post, dehrlu xi 10 minuti wara. Ma kienx jaf kemm ghadda hin mill-mument tal-kollizjoni sa meta avzawhom mill-***Control Room***.

Ma ftakarx jekk is-Sur Spiteri kienx talbu biex jaghmel ***Breathelizer Test*** fuq is-Sur Lautier u anqas ftakar li kien hemm xi hadd iehor li riedu jaghmel ***Breathelizer Test*** fuq is-Sur Lautier. Ftakar li kien hemm persuna li rieditu jghid li kien qed isuq is-Sur Spiteri u mhux Rudolph Spiteri. Ix-xhud dehrlu li ma kienx hemm ghalfejn jaghmel ***Breathelizer*** lil hadd mis-sewwieqa ghax dehrlu li t-tnejn

kienu f'sikkithom. Qal li meta jkollu allegazzjoni li xi hadd ghadda mhux minn fuq il-***lights*** kif suppost il-procedura li jadotta hija li jivverifika jekk il-***lights*** ikunux qed jahdmu kif suppost jew le. Mistoqsi dwar ***brake marks*** qal li ma kienx hemm ghax kieku kien jindikahom. Mistoqsi mill-Qorti qal li ma dehrlux li kienet xita pero` kien hemm ftit tan-nida ma' l-art. Qal li l-persuna li kien talbu biex jghid li kien qed isuq hu kien rah hiereg minn vettura ohra. Ma kienx irrizultalu li l-konvenut kellu passiggiera mieghu.

Xehed Wayne Attard, Claims Manager ma' Unipol Insurance Agency li esebixxa dokument li juri l-hsarat fuq vettura JJL-001 li huma halsu ghalihom. Ipprezenta wkoll is-***subrogation form***, is-***survey report*** u kopja tac-***cheque*** li hallsu lil Auto Sales.

Xehed Joseph Muscat ***motor vechiles surveyor*** mal-Automobile u qal li ezamina l-karozza JJL-001 fil-5 ta' Marzu 2002. Esebixxa s-***survey report***. Fir-rapport hemm elenkat il-***parts*** bl-ammont ta' kemm jiswew. Dwar il-***parts*** qal li dan huwa kalkolu fis-sens li maghmula qabel mhux attwali pero` meta jaghmel dan il-kalkolu jkun qies il-***parts*** kollha li hemm bzonn jinbidlu u jkun qieshom bil-VAT tal-***parts*** izda l-***labour*** minghajr il-VAT. Qal li s-***survey*** ghamlu aktar minn darba wahda ghax ra l-karozza aktar minn darba. Fis-***survey*** ghandu bhala ***labour*** Lm2360 u bhala ***parts*** Lm2300.

In kontro ezami qal li hu ntbaghat mill-Unipol li huma agenti tal-Middlesea Insurance biex jaghmel is-***survey***. Kien ha ritratti tal-korozza in kwistjoni pero` kien ghaddihom lill-***insurance***. Il-karozza kien ezaminaha ghand Kinds u prezenti kien hemm Mr. Vella li kien is-***Service Manager*** ta' Kinds. Kompla jghid li sakemm kien prezenti hu ma kienx hemm rapprezentant ta' Norwich Union.

Xehdet Audrey Testaferrata De Noto li esibiet u spjegat id-dokumenti kif relatati mal-funzjonament tat-***traffic lights***.

Xehed Rudolph Spiteri li semma li hu joqghod il-Marsa u ghandu t-tfajla toqghod l-Ibragg. Kien mar iwassalha u kien niezel lura minn fejn hemm it-***T intersection***. Sostna li kien jaf li d-dawl kien ahdar u kien ha jibqa' ghaddej meta fil-hin ra Mercedes li kienet qed iddur ghad-direzzjoni biex tidhol gewwa Paceville. Ix-xhud kien ghaddej b'karozza tal-kiri numru IAK-202. Il-hsara fil-vettura tax-xhud kienet fuq quddiem, u fuq tal-iehor mill-bidu lejn il-bieba tan-nofs, in-naha tax-xellug tieghu. Ix-xhud kien gej min-naha ta' St. Andrews, min-naha tat-t***unnel***. Qal li kien cert mija fil-mija li d-dawl kien ahdar, u l-karozza tas-sewwieq l-iehor spiccat fuq ic-***centre strip*** fejn hemm qisu bozza, u qisha mqandla mill-art. Ix-xhud spicca ***facing*** Paceville. Malli hargu mill-karozza s-sewwieq l-iehor qallu tikkonfondi xejn u kellu riha qawwija ta' xorb u kien qallu li ftit qabel kellu ***accident*** iehor ma' mara, li kien simili ta' hekk u ma kienx hemm x'tinkwieta fuqu.

Cemplu lill-pulizija u kienu hadulhom il-***particulars***. Ix-xhud kompla jghid li talab lill-Pulizija biex jehdu l-***breathaliser*** kemm lilu u kemm lill-iehor, u l-pulizija qallu li dak tarah l-awtorit`. Sostna li l-pulizija baqa' jirrifjuta li jsir il-***breathaliser test*** ghax beza' li jigrilu xi haga.

In kontro ezami qal li kien ghaddej b'velocita` ta' xi 40 kilometru. Meta ra d-dwal hodor kien xi 40 metru 'l boghod, u trid ftit sekondi biex tasal sal-***lights***. Qal li l-pulizija ma riedx jaghmel il-***breathaliser test*** minhabba li ma riedx jiehu responsabbilta`. Ix-xhud kien wahdu fil-karozza u ma kienx inxurjat. Cahad li kien qal lis-Sur Lautier jew lill-pulizija biex jirrangaw xi haga fuq il-bicca ta' l-***insurance***. Qal li ma sema' lil hadd jghid dan il-kliem. Ix-xhud qal li kien talab lil missieru fuq il-post. Spjega li l-impatt kien wiehed qawwi, tant li l-Mercedes baqghet tiela' fuq ic-***centre strip***. Qal li l-ewwel li ra l-karozza l-ohra kienu distanza ta' tlett karozzi. Il-karozza kienet ***on the left hand side*** gejja u mhux wieqfa. Meta raha l-ewwel darba kienet ftit wara l-***lights***. Meta mabaghad qasmet ma kellhiex aktar boghod ghax fil-fatt habtu. Ma rrealizzax li l-iehor kien ser johrog. Qal li sar jaf li ma

kienx inxurjat wara li kellu l-kollizjoni, ghax qallu missieru. Il-karozza kien kriha missieru.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din hi kawza dwar danni rizultanti fil-vetturi bhala rizultat ta’ kollizjoni li sehhet fit-2 ta’ Marzu, 2002 fi Triq Sant’ Andrija San Giljan. Il-vetturi kienu JJL-001 [Mercedes Benz] misjuqa minn Joseph Lautier – li kien assigurat mas-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. u l-vettrura IAK-202 [Hyundai] misjuqa mill-konvenut. Sfortunatament ma hemmx xhieda li raw l-incident isir hlief ghall-attur u konvenut. Dawn taw versjonijiet totalment opposti.

Hemm il-versjoni tal-attur u dik konfliggenti maghha tal-konvenut. Jidher li kull driver kien wahdu dak il-hin tal-incident. L-attur kien gej minn-naha tat-***tunnels*** u ried jidhol Paceville, waqt li l-konvenut kien gej minn tal-Ibragg u sejjer fid-direzzjoni tal-Imsida. Il-hsara fil-vettura tal-konvenut kienet fuq quddiem, u fuq tal-attur mill-bidu lejn il-bieba tan-nofs, in-naha tax-xellug tieghu. It-tnejn insistew li huma kellhom id-dritta fis-sens li ghaddew meta l-lights tal-karreggjata taghhom kienet hadra – haga li ma tistax tkun. Il-konvenut spicca jiffacja Paceville waqt li l-attur spicca wiccu lejn it-***tunnels***.

Il-konvenut sostna li l-attur kellu riha ta’ xorb, u li hu kien talab lill-Pulizija biex isiru il-***breathelizer tests*** fuq l-attur. L-attur semma li l-konvenut kien talbu li jnizzlu li kien missieru li kien qieghed isuq u mhux hu. Il-konvenut ma kienx inxjurjat.

L-impatt kien wiehed qawwi, tant li l-Mercedes baqghet tiela’ fuq ic-***centre strip*** u kellha tigi ittowjata ghax ma setghetx tinsaq.

Is-Surgent John Giusti li investiga l-kollizjoni ma kienx deherlu li kien hemm ghalfejn li xi wiehed mis-sewwieqa jaghmel il ***breathelizer test*** ghax deherlu li t-tnejn kienu f’sikkithom.

Skond Giusti l-***lights*** kienu qeghdin jahdmu kif suppost.

Dwar ***brake marks*** qal li ma kienx hemm ghax kieku kien jindikahom. Min ikun gej minn Pembroke sejjer lejn il-Belt f'hin minnhom id-dwal ikunu hodor ghal hamsa w ghoxrin sekonda u wara jsiru homor; hames sekondi wara d-dawl ta' min ikun sejjer lejn Paceville jaqilbu ghal ahdar.

Dwar hsarat Joseph Muscat ***motor vechiles surveyor*** mal-Automobile xehed li bhala ***labour*** kien hemm Lm2360 u bhala ***parts*** Lm2300.

Biex tasal ghall-konkluzjoni dwar responsabbilta` il-Qorti trid taghmel valutazzjoni tad-deposizzjonijiet. Il-Kap 12 Artikolu 562 jghid:

**"562.** Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."

Ukoll, li fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Gunju 1953 insibu:
"ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - ***"ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"***."

Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega irid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur ssodisfa l-oneru tal-prova tieghu. Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. F'dan il-kaz il-prova li riedet issir kienet li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni jew li b'xi mod ikkontribwixxa ghalih.

Illi fir-rigward intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** (deciza28/04/2004):
"jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'**kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat***."

F'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-principju ***'actore non probante reus absolvitur'***. L-attur li jallega l-incident ma sehhx b'tort jew b'negligenza tieghu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-proncipju l-iehor '***reus in excipiendo fit actor'***, ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu;

Il-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella** (02/05/1995) (App. Inf.) kienet tirrigwarda, bhal kaz odjern incident awtomobilistiku fej iz-zewg kontendenti taw verzjonijiet opposti tad-dinamika tal-incident. Dan hu li qalet il-Qorti fic-cirkostanzi:
"Dawn iz-zewg verzjonijiet huma t-tnejn probabbli fic-cirkostanzi tal-incident …. Ma ngabet ebda prova ohra li b'xi mod tista taqleb il-bilanc favur terzi jew ohra w ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tasal ghall-konkluzjoni li l-attur ma lahaqx dak il-grad ta' prova ghall-ezitu favorevoli ghal din l-istanza."

Fl-istess kaz il-Qorti kkwotat b'approvazzjoni sentenza tal-Prim 'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri** (deciza 31/5/1972) fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti:-
"… f'kawza Civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi".

Illi huwa ghalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni.

Il-partijiet ippruvaw jiskreditaw lil xulxin. Fil-kors tal-kawza il-konvenut ipprova jsostni li l-attur kien xurban. PS Giusti hass li kien f'siktu apparti milli l-attur cahad li ma kienx f'siktu. Minn-naha l-ohra l-attur fin-nota tieghu ipprova jiskredita lill-konvenut minhabba li dan ta' l-ahhar talab li ma jitnizzilx li hu kien qieghed isuq. PS Giusti ikkonferma li kien hemm talba f'dan is-sens minn terza persuna. Izda hawn ma ahniex qedghin nezaminaw fil-kamp kriminali

izda f'dak civili. Il-fatt li wiehed kien qieghed isuq mhux kopert bl-assikurazzjoni ma jfissirx li dan ghadda minn fuq id-dwal homor. L-attur isostni li d-deposizzjoni tal-konvenut mhix attendibbli u jghid:
"Daqskemm Rudolph Spiteri ma ddejaqx jaghmel allegazzjonijiet foloz kontra Joseph Lautier u daqskemm ma ddejaqx jichad li huwa pprova jghid li ma kienx hu li qed isuq il-vettura IAK-202, certament ma kiex ser jiddejjaq hafna jghid illi kellu dawl ahdar quddiemu meta fil-fatt dan ma kienx il-kaz!"

**E: KONKLUZJONIJIET**

Illi ghalhekk l-istampa hi ta' verzjonijiet diametrikament opposti li t-tnejn setghu jirriflettu l-verita` b'mod li l-Qorti jista' jkollha suppozizzjonijiet ta' dak li seta' gara izda fejn fic-cirkostanzi prezenti ma jistax ikollha konvinciment morali minhabba evalwazzjoni ta' probabbilitajiet izda mhux ta' fatti li jemergu b'mod car u li jwasslu lill-Qorti tkun moralment konvinta fuq il-htija ta' parti jew l-ohra. Il-Qorti tista' tasal ghal suppozizzjonijiet dwar il-kredibilita` tal-verzjoni tal-attur izda mhux ghall-konvinciment morali taghha b'tali mod li jwassluha ghall-konkluzjoni li l-konvenut necessarjament kellu tort. Infatti l-attur ma lahaqx dak il-grad ta' prova biex ikollu ezitu favorevoli anke meta wiehed jikkunsidra l-principju ***actor non probante reus absolvitur***. Jibqa' dejjem li l-attur irid jipprova l-verzjoni tieghu u mhux il-konvenut abbazi tal-principju ***onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat***.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti mhix fil-pozizzjoni li tilqa' t-talba attrici u ghalhekk qeghda tichadha.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------